**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Frar, 2018

Rikors Guramentat numru : 35/16 AL

A B C
vs
D B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi, li *in forza* tiegħu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2.09.2007) fil-Knisja Parrokjali tal-Gharghur;

2. Illi dan iz-zwieg huwa vvizjat minhabba, fost ohrajn, diffett serju ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u l-obbligi taghha, frodi dwar kwalita' li fiha nnfisha tista tisfratta serjament il-hajja matrimonjali, u eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew element fondamentali tieghu kif ukoll nuqqas ta' konsumazzjoni taz-zwieg fiz-zmien stabbilit, ragunijiet imputabbli unikament lill-partijiet, jew

min minnhom ai termini tal-Artikolu 19(1)(c), (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null u invalidu skond il-ligi;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit- fit-tnejn ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2.09.2007) fil-Knisja Parrokjali tal-Gharghur huwa null u bla ebda effett fil-ligi ai termini tal-Artikolu 19(1)(c), (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tawtorizza lill-esponenti illi tirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa : (fo. 13)

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti minn din il-Qorti b'dan illi z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici u mhux lill-esponenti kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tar-rikors.
2. Illi konsegwentement l-esponenti m'ghandhiex tbati spejjez ta' dawn il-proceduri;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat l-affidavit tal-attriċi;

Rat illi l-konvenut ma ppreżentax provi minkejja li d-difensur tiegħu kienet ippromettiet li kien sejjer jippreżenta affidavit[1];

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-attriċi[2];

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Din il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attriċi u l-konvenut, li ġie kkontrattat fit-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[3].

PROVI

Il-fatti[4] tal-każ in eżami, in suċċint huma s-segwenti:

1. Il-partijiet iltaqgħu f'Mejju 2002 u damu ħames snin għarajjes. Fl-ideja tal-attriċi, il-konvenut xtaq illi jiżżewweġ prinċiparjament għaliex xtaq jitlaq mid-dar tal-foster parents tiegħu li kienu jitrattawh ħażin.

[1] Seduta tat-8 ta' Novembru 2016, verbal fol. 15 u seduta tat-30 ta' Mejju 2017, verbal fol. 24

[2] Seduta tat-12 ta' Diċembru 2017, fol. 28

[3] Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta

[4] Dawna jirriżultaw mill-affidavit tal-attriċi fol. 18.

2. Tixhed li żżewġitu iktar għax kienet titħassru għall-mod kif kienu jitrattawh il-ġenituri tiegħu, milli għax kienet tħobbu.

3. Il-ħajja tagħhom fiż-żwieġ kienet tikkonsisti filli l-attriċi taħdem sal-ħamsa ta' fil-għaxija u l-konvenut jaħdem sat-tmienja. Kif kien jiġi mix-xogħol kienu jieklu, hu joqgħod fuq il-kompjuter u hi toqgħod tara t-televixin. Lanqas kienu jidħlu jorqdu flimkien.

4. Fis-sena 2013, hija marret għand psikologu sabiex tipprova tirranġa s-sitwazzjoni ta' bejniethom *"minħabba li hu qatt ma kien ikun preżenti f'ħajti u rari nitkellmu flimkien. Kont inħossni qisna żewġ stranġieri ngħixu flimkien."* Il-psikologu kien qalilha li għalxejn tmur weħidha u li D kellu jmur magħha għas-sessjonijiet. Pero' l-konvenut ma xtaqx illi jattendi u kien jgħidilha li hu mhux miġnun u li aħjar issewwi moħħha.

5. Tispjega li l-karattru tal-konvenut kien tali li l-ewwel l-affarijiet tiegħu. Kien jagħmel in-nervi jekk xi ħaġa tmur ħażin fuq ix-xogħol, imbagħad kienet teħel hi. Kien ikollu qisu rabja ġo fih li kull ħaġa ħażina teħel hi, qisu kollox tort tagħha. Xi drabi kien idum ġimgħa ma jkellimhiex. Fil-bidu kienet tinkedd ħafna li ma jkellimhiex, iżda mbagħad bdiet tieħu r-ruħ għax kienet toqgħod għall-kwiet.

6. Dwar il-ħajja sesswali tagħhom, tgħid illi din xejn ma kienet feliċi. Kienet tħossha bierda kull darba li kien ikollha x'taqsam miegħu għax ma kienet tħoss xejn lejh. Għaliha kien qisu barrani, tant illi xi drabi meta kien jipprova jkollu x'jaqsam magħha, kienet tagħmilha taparsi rieqda. Hu qatt ma nsista biex ikollhom x'jaqsmu flimkien u lanqas qatt ma staqsa jekk kienx hemm xi problema. *"Tul iż-żwieġ tagħna aħna rari kien ikollna x'naqsmu flimkien. Kont inħossni qisni qed niġi abbużata minħabba*

*l-fatt li ma kontx miġbuda lejh sesswalment. Fil-fatt hu mhux l-ewwel darba li kien jgħajjarni bil-kliem li jien lisbjana. Dan għaliex sesswalment qatt ma ħassejtni komda. Fil-fatt kont naħseb li għandi xi ħaġa ħażina jew li jien m'iniex normali"*

7. Tispjega illi fil-bidu t'Ottubru kienet iddeċidiet illi titkellem ma' D dwar id-differenzi tagħhom u li hi ma kinitx għadha attirata lejh u li xtaqet tissepara. Huma baqgħu jgħixu taħt l-istess saqaf Diċembru 2014.

8. L-attriċi ltaqgħet ma' ċerta Dona f'attivita' ta' volontarjat u bdew jiffrekwentaw lil xulxin. Saru ħbieb kbar u iktar ma beda jgħaddi ż-żmien, l-attriċi iktar bdiet tħossha attirata lejha. Kienet l-attriċi li għamlet l-ewwel pass u avviċinatha u qaltilha b'dak li kienet qed tħoss. *"Fil-bidu bqajna ħbieb minħabba l-fatt li hi bdiet tibża' rigward il-fatt li jien kelli passat ma' raġel, iżda biż-żmien bdejt nurija li jien qed inħossni ninġibed lejha kuljum, fil-fatt kont jien li għamilt l-ewwel pass intimu bejnietna. Għall-ħabta ta' Diċembru 2014, l-affarijiet ta' bejnietna bdew jikbru u fil-fatt konna ddeċidejna li nsiefru flimkien u hemmhekk kont ħassejtni li jien miġbuda lejha b'mod ħafna iktar minn ħbiberija, minħabba l-fatt li jiena ridt nibni relazzjoni sesswali magħha. Fil-fatt għall-ħabta ta' Frar 2015 jien xtaqt li nkun iktar viċin tagħha u b'hekk iddeċidejna li mmorru ngħixu flimkien."* L-attriċi tħassha komda u sodisfatta fir-relazzjoni sesswali tagħhom.

Il-Qorti sfortunatament lill-konvenut ma semgħetux, għaliex kif ġja intqal huwa għażel illi ma jressaqx provi. Illi għalhekk, il-Qorti qed tanalizza l-verżjoni tal-fatti unikament mill-ottika tal-attriċi.

PRINĊIPJI LEGALI

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipulaw:

***19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:***

***(ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;***

***(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;***

Illi din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina n-nullita' taż-żwieġ *o meno* taħt dawn it-tliet artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taħt l-Artikolu **19(1)(c)**.

Dwar l-Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-oħra li tista' mix-xorti tagħha tkixkel serjament il-ħajja miżżewġa, issir referenza għall-kawża

fl-ismijiet Pierina Micallef vs. Bentanfous Amor[5] fejn ġie dikjarat li *"Kwantu għal "qerq" …. dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-egħmil doluż pero` ma jista' qatt ikun preżunt u għandu jiġi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta`".*

Espożizzjoni tat-tifsira tal-qerq fit-termini tal-liġi taż-żwieġ tagħna ingħatat fil-kawża fl-ismijiet Mary Farrugia vs. John Farrugia[6]. Il-Qorti sostniet illi l-qerq irid jinċidi direttament fuq l-intellett ta' xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ u indirettament fuq il-volonta` tal-persuna ngannata. Fil-każ tal-qerq, huwa l-intellett tal-partijiet li jintlaqat mhux il-kunsens. "Kif jispjega il-ġurista Jose' Castano *"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale ex errore consente."* Dan il-qerq jista' jiġi kemm minn waħda mill-partijiet fiż-żwieġ kif ukoll minn terza persuna. Biex jissussisti l-qerq ravviżat fis-sub artikolu in eżami iridu jikkonkorru erba' affarijiet:

1) il-qerq jiġi perpetrat bil-ħsieb li wieħed jikseb il-kunsens tal-parti;
2) li l-qerq ikun inċida fuq il-kunsens tal-parti;
3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita` tal-parti l-oħra;[7]
4) li din il-kwalita` tkun tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa. Mhux neċessarju li l-ħajja miżżewġa ġiet effettivament imfixkla, imma li kien hemm il-potenzjal li titfixkel.

---

[5] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1176/2000/1PS)

[6] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu 1995 (Ċitazzjoni Numru 1190/94VDG)

[7] Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP) u AB vs. Dr. Leontine Calleja et noe deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 t'April 2017 (Rikors Ġuramentat 21/16AL)

Illi l-Qrati tagħna dejjem sostnew li ż-żwieġ ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk waħda mill-partijiet tagħti l-kunsens tagħha għax tkun ġiet imqarrqa jew mill-parti l-oħra jew minn xi ħaddieħor dwar xi kwalita tal-parti l-oħra.[8] Bi kwalita` tal-persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta mill-ġenn, jew ivvizzjata bid-droga bl-alkoħol jew bil-logħob tal-ażżard, li taħbi tali vizzju jew mard mill-konjuġi l-ieħor qabel iż-żwieġ, jew persuna t'orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari[9].

Fis-sentenza fl-ismijiet D Sciberras vs. Avukat Francesco Depasquale et nomine[10] il-Qorti ċċitat dak stipulat fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Louis Agius vs. Georgia Agius xebba Gauci[11], fejn ikkwotat b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur L. Wrenn fil-ktieb tiegħu "Annulment" fejn ġie sostnut li sabiex ikun hemm nullita` ta' żwieġ fuq il-bażi li l-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, huwa meħtieġ li tali kwalita`:

1. tkun waħda inerenti għall-persuna u mhux xi att fil-passat;
2. tkun preżenti fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ;
3. tkun gravi jew oġġettivament jew soġġettivament;
4. ma tkunx magħrufa lill-parti l-oħra;
5. tiġi mistura frawdolentement sabiex jiġi ottjenut il-kunsens maritali;
6. trid tipprovoka kriżi meta tiġi skoperta, għax inkella jitqies

[8] Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit- 22 ta' Novembru 1982, kif iċċitata b'approvazzjoni f'Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[9] Bħal fil-każ ta' David Buhagiar vs. Roseanne nee Maile, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 t'April 1995, (Ċitazzjoni: 1584/94VGD);

[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1781/1998/1PS)

[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Civili fid-19 ta' Ottubru 1988

li l-iżball ma kienx sostanzjali.

Illi l-leġislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa".*[12] Din il-kawżali ġiet ukoll ikkonsidrata fil-każ <u>John Borg vs. Paula sive Polly Borg</u>**[13]** fejn ġie osservat li:- *Il-leġislatur Malti, iżda, għażel li jillimita l-qerq, bħala kawża ta' nullita' ta' żwieġ, għall-qerq dwar* ***dawk il-kwalitajiet, oġġettivament gravi, li jinċidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-għanijiet taż-żwieġ****"*[14]*.* Il-Qorti kkwotat lill-awtur **Viladrich** fejn dana sostna illi *"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial".*

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għall-**artikolu 19(1)(d)** tal-Att dwar iż-Żwieġ illi fuqu wkoll l-attriċi ssejjes l-azzjoni tagħha.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku.

---

[12] <u>Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova</u>, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP) u <u>AB vs. Dr. Leontine Calleja et noe.</u> deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fis-6 t'April 2017, (Rikors Ġuramentat: 21/16AL)

[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Mejju 1995 (Ċitazzjoni Numru 591/94VDG)

[14] Enfasi ta' din il-Qorti

Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

Illi mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[15]

Il-Qorti tirreferi għall-kawża fl-ismijiet <u>David Buhagiar vs. Roseanne nee Maile</u>[16] fejn il-konvenuta kienet omosesswali u b'hekk il-Qorti rritjeniet illi *"[it] is satisfied that her consent was vitiated by a serious psychological anomaly which made it not just <u>difficult</u> but <u>impossible</u> for her to fulfill the essential obligations of marriage."* Il-Qorti kkwotat lil Bersini illi *"l'incapicita di assumere gli oneri rende invalido il matrimonio. Vi sono in effetti delle persone le quali per gravi perturbazioni del substarto psicofisiologico sono incapaci di stabilire quella relazione interpersonale – in quanto comporta la mutua*

[15] <u>Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri</u>, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP)
[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-24 t'April 1995 (Ċitazzjoni: 1584/94VGD)

*donazione di due persone – perpetua, esclusiva e intima, che e' richiesta dalla comunione di vita coniugale, necessaria per il raggiungimento, in modo veramente umano, della finalita' propria del matrimonio, senza la quale la societa' coniugale non puo' esistere.*"[17]

Tirreferi wkoll għall-kawża fl-ismijiet Angela Spiteri xebba Selvaggi vs. Joseph Spiteri[18] fejn il-Qorti rritjeniet *"Kwantu għad-difett fil-kunsens dovut għal anomalija serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, il-liġi tagħna, bħad-dritt kanoniku (Can. 1095(3)) tirrikjedi mhux sempliċi diffikulta' iżda impossibilita' li wieħed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Inkapaċita' jew impossibilita' vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-presenza ta' anomalija psikoloġika serja li, indipendentment minn kif wieħed jagħżel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikoloġija, tintakka sostanzjalment il-kapaċita' "di intendere e/o di volere.". "L'incapacita' di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale," jgħid il-Bersini, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell'ipotesi ... che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"*

Il-Qorti tirrileva li sabiex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ msejsa fuq l-**artikolu 19(1)(f)**, irid jiġi neċessarjament provat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn, għamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

---

[17] Bersini, F. – Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Ci Di, Torino, 1994, paġna 99, kif ikkowotat f' David Buhagiar vs. Roseanne nee Maile, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 t'April 1995, (Ċitazzjoni: 1584/94VGD;

[18] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-4 ta' Novembru 1994 (Ċitazzjoni: 517/94VGD)

Illi kif ġie spjegat minn din il-Qorti fil-każ Alfred Tonna vs. Maria Tonna[19], *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)".*

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda *a priori* ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, cioe', issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda *a priori* ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.[20]

Illi taħt l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni ċara bejn żwieġ li jfalli minħabba ċirkostanzi li jirriżultaw waqt iż-żwieġ, u żwieġ li jfalli għax xi wieħed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tiegħu, kien ġja' mentalment dispost li ma jottemprax ruħu ma' xi waħda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-raġunijiet li jagħtu lok għal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.[21]

---

[19] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (VDG), 31 ta' Jannar 1996

[20] Sharon Lanzon vs. Francis Attard - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Marzu 2000

[21] Ali Chahid vs. Mary Spiteri - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Ġunju 2002 (Ċitaz: 1733/01RCP)

Illi għar-rigward tas-**simulazzjoni totali**, il-Qorti fil-każ Bonnici vs. Bonnici[22] qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jiġi ppruvat li l-*finis operis* taż-żwieġ ġie effettivament eskluż mill-vera rieda ta' parti jew oħra, għalkemm formalment tkun seħħet iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Il-Qorti f'deċiżjoni oħra tagħha qalet illi jekk tmur għaċ-ċerimonja tat-tieġ u internament tissostitwixxi l-idejat tiegħek fuq x'inhu żwieġ jew inkella xort' oħra teskludi l-veru kunċett taż-żwieġ, hi forma ta' simulazzjoni totali.[23]

Illi mbagħad fil-każ Anna Galea vs. John Walsh[24], il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bħala *"meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun ingħata"*.

Fil-każ Muscat vs. Borg Grech[25] il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali f'dawn il-kliem:- *"għalhekk min esternament ikun wera li qed jagħti l-kunsens matrimonjali iżda ikun internament u b'att pożittiv tal-volonta' tiegħu qed jiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ ikun qed jissimula l-kunsens tiegħu".*

Illi meta niġu għas-**simulazzjoni parzjali** dina tfisser l-esklużjoni pożittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa. L-Att dwar iż-Żwieġ ma jagħtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, iżda mill-ġurisprudenza kostanti tagħna l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa huma l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta għall-komunjoni ta' ħajja u prokrejazzjoni u t-trobbija tal-ulied.

---

[22] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Lulju, 1982 – kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[23] Cali vs. Dr. Albert S. Grech – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Ġunju 1988– kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[24] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Marzu, 1995, kif rapportata f' Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP)

[25] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Awissu 1995, kif rapportata f' Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP)

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et. noe.[26] elenkat l-elementi essenzjali taż-żwieġ bħala l-kommunjoni tal-ħajja konjugali, l-indissolubilta' tar-rabta taż-żwieġ, id-dritt għall-fedelta' u d-dritt għall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi ġew ikkonfermati wkoll fil-kawżi Grech vs. Grech[27] u Aquilina vs. Aquilina[28].

Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Atkins Charles vs. Atkins Matilde[29] fejn ġie ritenut li "*rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, dawn huma dawk l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta għal komunjoni ta' ħajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi għalhekk jekk xi waħda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapaċita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iż-żwieġ li jiġi hekk kreat ma jistax ikun wieħed validu*....*Teżisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss waħda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jiġi stabbilit iż-żwieġ bħal per eżempju, l-esklużjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-esklużjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-oħra*".

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kunċetti tal-qerq, tal-anomalija psikoloġika u tas-simulazzjoni tal-kunsens, din il-Qorti

---

[26] Irrappurtat bħala C vs. D, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (FD), 14 ta' Lulju 1994

[27] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 t' Ottubru 1990 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[28] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Jannar 1991 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[29] Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), 2 t'Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP)

ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Illi dwar l-ewwel kawżali tal-qerq, il-Qorti hija tal-fehma illi din il-kawżali ma tistax tirnexxi fil-każ odjern u dana stante, illi filwaqt li huwa minnu li l-attriċi ħbiet il-fatt li kienet omosesswali mill-konvenut, dana għamlitu għaliex hija stess qabel iż-żwieġ kienet għadha m'hijiex konxja li hija omosesswali. Hija ma setgħetx tiżvela din il-kwalita tagħha qabel iż-żwieġ, għaliex l-omosesswalita tagħha kienet għadha ma ġietx żvelata lilha stess. Huwa minnu li din hija kwalita tal-persuna li timpinġi fuq il-ħajja miżżewġa (kif fil-fatt għamlet), iżda l-qerq jesiġi li l-persuna li tkun dieħla għaż-żwieġ, intenzjonalment taħbi lill-parti l-oħra din l-informazzjoni sabiex tikseb il-kunsens maritali. Fil-każ odjern, ma jirriżultawx dawn it-tip ta' manuvri min-naħa attriċi. Illi għalhekk il-qerq kif imfisser mil-liġi u l-ġurisprudenza tagħna ċċitata, ma jissussistix fir-relazzjoni in eżami.

Ma jirriżultax lanqas li l-attriċi ssimulat il-kunsens tagħha. Kif ġie elaborat iktar qabel, biex ikun hemm is-simulazzjoni jeħtieġ att pożittiv fil-fehma tal-persuna li filwaqt li tkun qed tersaq lejn iċ-ċerimonja taż-żwieġ, ikollha diġa l-ħsieb li ma twettaqx xi wieħed jew iktar mill-obbligi essenzjali taż-żwieġ, bħal meta tidħol għaż-żwieġ bil-fehma li ma tridx tnissel ulied, jew tidħol għaż-żwieġ bil-ħsieb li ma jkollokx relazzjonijiet intimi mal-konjuġi l-ieħor. Is-simulazzjoni teħtieġ dan it-tip ta' ħsieb jew *mindset* li jkun jeżisti fil-mument tal-kunsens. Fil-fehma tal-Qorti, fil-każ odjern, l-attriċi daħlet għaż-żwieġ bil-ħsieb li hija jkollha relazzjonijiet intimi sħaħ mal-konvenut. M'huwiex il-każ li hija konxjentement warrbet ħajja intima ma' żewġha. Pjuttost jirriżulta li minkejja li hija ma kinitx tkun komda, sal-grad li kienet tħossha qed tiġi abbużata, hija xorta waħda kien ikollha relazzjonijiet intimi sħaħ mal-konvenut.

Ġara iżda li għal raġunijiet oħra, l-attriċi ma rnexxilhiex taqdi dan id-dmir fil-konfront ta' żewġha u tgawdi hija wkoll minn relazzjoni sesswali sabiħa bejniethom. Kien wara ż-żwieġ, anzi proprju wara s-separazzjoni fattwali tagħha minn mal-konvenut, li skopriet li kienet iktar komda f'attivita' sesswali ma' mara oħra milli ma' żewġha u kien hemmhekk li ħarġet l-orjentazzjoni sesswali tagħha u li hija fehmet għaliex ma kinitx komda fir-relazzjonijiet sesswali ma' żewġha u għaliex kienet tħoss kollox sfurzat.

Il-Qorti tiċċara li dan ma jfissirx li l-attriċi saret omosesswali wara ż-żwieġ għaliex fil-fehma tagħha, l-omosesswalita' hija kwalita inerenti tal-persuna li tkun hemm mat-twelid jew tiżviluppaha fil-puberta'. L-attriċi sempliċiment kienet għadha ma skoprietx din il-kwalita tagħha qabel iż-żwieġ, minkejja li l-kwalita' indubbjament kienet ġja eżistenti. Fil-fatt, hija kien ikollha relazzjonijet ma' żewġha iżda kienet tħoss li kollox kien awtomatiku, ma kinitix tieħu sodisfazzjon. Dan iwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-attriċi kienet, sa minn qabel l-għoti tal-kunsens, tbati minn anomalija psikoloġika li għamlitha mpossibbli għaliha li tgħix iż-żwieġ li daħlet għalih ma' persuna tas-sess oppost.

Mhijiex anomalija psikoloġika diretta lejn il-persuna tal-konvenut *per se* iżda lejn is-sess maskili b'mod ġenerali, għaliex seta' kien min kien il-konjuġi, ladarba huwa persuna maskili, kien impossibbli għall-attriċi, konsiderando l-orjentament sesswali tagħha, li tgħix il-ħajja miżżewġa miegħu. Il-konvenut m'għandu l-ebda ħtija fis-sitwazzjoni. Il-Qorti tapprezza li kienet ta' sfortuna għall-konvenut li din il-kwalita tal-attriċi mmanifestat ruħha wara li l-partijiet laħqu taw il-kunsens lil xulxin, għaliex b'hekk il-konvenut safa vittma taċ-ċirkostanzi, li l-Qorti tħoss ħadd mill-partijiet ma kellu kontroll fuqhom.

Hija konklużjoni tal-Qorti, li ż-żwieġ bejn il-partijiet m'huwiex validu u dana stante li l-kunsens tal-attriċi kien vizzjat b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli għaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ; Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attriċi hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu preċitat, u timmerita li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi, b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn l-attriċi u l-konvenut fit-2 ta' Settembru 2007 huwa null u bla ebda effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-att taż-żwieġ relattiv għaż-żwieġ bejn il-kontendenti innumerat elf tmien mija u erbgħa u sittin żbarra elfejn u sebgħa (1864/2007).

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.